# Il-Qgħad Irreġistrat: Jannar tal-2024

NR 040/2024 Data tal-Ħruġ: 29 ta' Frar 2024

*F'Jannar tal-2024, in-numru ta' persuni jirreġistraw għax-xogħol kien ta' 1,057 biex b'hekk kien hemm tnaqqis ta' 15-il persuna meta mqabbel mal-istess xahar fl-2023.*




Tagħrif mogħti minn Jobsplus juri li, sena għal sena, f'Jannar 2024 kien hemm tnaqqis ta' 15-il persuna jirreġistraw fl-Ewwel Parti tar-Reġistru tal-Qgħad (Tabella nru 5), filwaqt li fit-Tieni Parti tal-istess reġistru l-għadd ta' persuni qiegħda baqa' l-istess (Tabella nru 8).

It-tnaqqis fir-reġistrar deher fil-biċċa l-kbira tal-gruppi tal-età (Tabella nru 1). L-irġiel kienu jgħoddu mas-66.8 fil-mija ta' dawk li kienu qegħdin jirreġistraw (Tabella nru 1).

Sena għal sena, kien irreġistrat tnaqqis ta' 25 persuna fl-għadd ta' dawk li kienu ilhom jirreġistraw bejn 21 u 52 ġimgħa u tnaqqis ta' erbgħa min-nies fl-għadd ta' dawk li kienu fuq ir-reġistru għal iżjed minn sena. Min-naħa l-oħra, dawk li kienu ilhom jirreġistraw għal anqas minn 21 ġimgħa żdiedu b'14 (Tabella nru 2).

F'Jannar 2024, in-numru ta' persuni b'diżabbilità li kienu qegħdin jirreġistraw għax-xogħol naqas b'sitta meta mqabbel mas-sena ta' qabel, sabiex laħaq il-230 persuna. L-irġiel kienu jgħoddu 76.1 fil-mija tal-għadd sħiħ ta' dawk imniżżlin fir-reġistru tal-qgħad bħala persuni b'diżabbilità (Tabella nru 3).

L-irġiel u n-nisa fuq ir-reġistru tal-qgħad kienu qed ifittxu l-aktar impjiegi ta' appoġġ klerikali, b'24.8 fil-mija u b'36.5 fil-mija, rispettivament (Tabella nru 4).

## Ċart nru 1. Il-qgħad irreġistrat

